22003D0104

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 104/2003

tas-26 ta' Settembru 2003

li temenda l-Anness I (Materji veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 70/2003 tal-20 ta' Ġunju 2003 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/210/KE tal-25 ta' Marzu 2003 li tipprovdi l-*marketing* temporanju taż-żerriegħa ta' ċerti speċji, li ma jissodisfawx il-ħtiġiet tad-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ([2]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/244/KE ta' l-4 ta' April 2003 li tipprovdi l-*marketing* temporanju ta' ċerta żerriegħa ta' l-ispeċje *Triticum aestivum*, li ma tissodisfax il-ħtiġiet tad-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ([3]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 22 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/984/KE) fil-Parti 2 tal-Kapitolu III ta' l-Anness I mal-Ftehim:

"23. **32003 D 0210**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/210/KE tal-25 ta' Marzu 2003 li tipprovdi l-*marketing* temporanju taż-żerriegħa ta' ċerti speċji, li ma jissodisfawx il-ħtiġiet tad-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE (ĠU L 80, tas-27.3.2003, p. 215).

24. **32003 D 0244**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/244/KE ta' l-4 ta' April 2003 li tipprovdi l-*marketing* temporanju taż-żerriegħa ta' l-ispeċje *Triticum aestivum*, li ma tissodisfax il-ħtiġiet tad-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE (ĠU L 89, tal-5.4.2003, p. 39)."

Artikolu 2

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tad-Deċiżjonijiet 2003/210/KE u 2003/244/KE fl-ilsien Islandiż u l-ilsien Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

([1]) ĠU L 257, tad-9.10.2003, p. 14.
([2]) ĠU L 80, tas-27.3.2003, p. 25.
([3]) ĠU L 89, tal-5.4.2003, p. 39.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-27 ta' Settembru 2003, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-taqsima ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u fis-Suppliment għaż-ŻEE tiegħu.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Settembru 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

H. S. H. PRINZ NIKOLAUS von LIECHTENSTEIN

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġiet kostituzzjonali.